SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

7 ta' Ġunju 2011 *

Fil-Kawża T-471/08,

Ciarán Toland, residenti Dublin (l-Irlanda), irrappreżentat minn A. Burke, solicitor, E. Regan, SC, u J. Newman, barrister,

rikorrent,

sostnut minn

Ir-Renju tad-Danimarka, irrappreżentat minn B. Weis Fogh u C. Vang, bħala aġenti,

Ir-Repubblika tal-Finlandja, irrappreżentata minn J. Heliskoski, A. Guimaraes-Purokoski u H. Leppo, bħala aġenti,

Ir-Renju tal-Isvezja, irrappreżentat minn A. Falk, S. Johannesson u K. Petkovska, bħala aġenti,

intervenjenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

vs

Il-Parlament Ewropew, irrappreżentat minn H. Krück, N. Lorenz u D. Moore, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Awwissu 2008, Referenza A (2008) 10636, sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 tas-servizz ta' verifika interna tal-Parlament, tad-9 ta' Jannar 2008, intitolat "Verifika tal-kumpens għall-assistenza Parlamentarja",

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn N. J. Forwood, President tal-Awla, F. Dehousse (Relatur) u J. Schwarcz, Imħallfin,

Reġistratur: K. Andovà, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Diċembru 2010,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-kuntest ġuridiku

1 Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331), jiddefinixxi l-prinċipji, il-kundizzjonijiet u l-limiti tad-dritt tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti ta' dawn l-istituzzjonijiet previst fl-Artikolu 255 KE.

2 Skont l-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001:

"2. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

[…]

— l-iskop ta' ispezzjonijiet, investigazzjoni u verifiki,

jekk ma jkunx hemm interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

3. Aċċess għad-dokument, miktub minn instituzzjoni għall-użu intern jew irċevut minn instituzzjoni, dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi rifjutat jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

[…]"

Il-fatti li wasslu għall-kawża

3 B'ittra tal-11 ta' Ġunju 2008, ir-rikorrent, Ciarán Toland, talab lill-Parlament jgħaddilu r-rapport annwali għas-sena 2006 tas-servizz tiegħu ta' verifika interna, li jinkludu s-sittax-il rapport ta' verifika interna ċċitati fil-punt 24 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew, tat-22 ta' April 2008, li tinkludi kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2006, Taqsima I — Il-Parlament Ewropew (ĠU 2009, L 88, p. 3).

4 B'ittra tat-23 ta' Ġunju 2008, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament ta lir-rikorrent aċċess għar-rapport annwali għas-sena 2006 tas-servizz tal-verifika interna tal-Parlament, Referenza Nru 07/01 u ddatata s-16 ta' Lulju 2007 (iktar 'il quddiem ir-"Rapport Nru 07/01"), bl-eċċezzjoni ta' paragrafu ta' dan ir-rapport li jikkonċerna verifika li għadha pendenti. Ma saret l-ebda referenza fl-ittra tat-23 ta' Ġunju 2008, għas-sittax-il rapport ieħor ta' verifika interna mitluba mir-rikorrent.

5 B'ittra tad-19 ta' Lulju 2008, ir-rikorrent ippreżenta talba għall-konferma fejn irrepeta t-talba tiegħu għal aċċess għas-sittax-il rapport ta' verifika interna, għar-raġunijiet esposti fl-ittra tal-11 ta' Ġunju 2008 u għar-raġuni li l-ittra tas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament tat-23 ta' Ġunju 2008 ma tat l-ebda ġustifikazzjoni oġġettiva debitament motivata għar-rifjut li tiżvela dawn ir-rapporti. Ir-rikorrent talab ukoll l-aċċess għall-paragrafu oskurat fir-Rapport Nru 07/01.

6 B'ittra tal-11 ta' Awwissu 2008 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Parlament irrifjuta, fl-ewwel lok, li jagħti aċċess għall-paragrafu oskurat fir-Rapport Nru 07/01, fit-tieni lok, tagħtih l-aċċess għal tlettax mis-sittax-il rapport ta' verifika interna kif ukoll aċċess parzjali għal tnejn oħra minn dawn ir-rapporti u, fit-tielet lok, tirrifjuta l-aċċess għall-erbatax minn dawn ir-rapporti, jiġifieri r-Rapport Nru 06/02 tas-servizz tiegħu ta' verifika interna, tad-9 ta' Jannar 2008, intitolat "Verifika tal-kumpens għall-assistenza Parlamentarja" (iktar 'il quddiem ir-"Rapport Nru 06/02").

7 Il-Parlament, fid-deċiżjoni kkontestata, iddeskriva r-Rapport Nru 06/02 bħala li jinkludi, fl-ewwel parti, analiżi tar-riskji inerenti għall-operazzjonijiet finanzjarji ta' ħlas ta' verifika tal-indennizz għall-assistenza parlamentari kif ukoll analiżi dettaljata tar-regoli fis-seħħ u tal-funzjonament tagħhom, u fit-tieni parti, sunt tal-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti mill-awditur intern sabiex jittejjeb l-operat tas-sistema u, fit-tielet parti, spjegazzjoni dettaljata ta' dawn il-pjanijiet ta' azzjoni (l-aħħar subparagrafu tal-paġna 2 tad-deċiżjoni kkontestata).

8 Il-Parlament iżid li r-Rapport Nru 06/02, bħala studju tar-riskji marbuta mal-operazzjonijiet finanzjarji tas-servizzi tal-Parlament ta' ħlas ta' verifika tal-indennizz għall-assistenza parlamentari u bħala ġabra ta' proposti bil-għan tat-titjib tas-sistema, jammontaw għal verifika fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 (l-aħħar subparagrafu tal-paġna 2, u l-parti ta' fuq tal-paġna 3 tad-deċiżjoni kkontestata).

9 Il-Parlament ikkunsidra li r-Rapport Nru 06/02, għalkemm ikkompletat fid-9 ta' Jannar 2008, jibqa' kopert mill-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess previst mit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. Il-Parlament irrefera għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Lulju 2006, Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni (T-391/03 u T-70/04, Ġabra p. II-2023, punti 120 *et seq*). Huwa indika li l-pjanijiet ta' azzjoni kontenuti fir-Rapport Nru 06/02 jistabbilixxu l-prinċipji li fuqhom setgħet tiġi bbażata reviżjoni tal-kuntest legali ta' assistenza parlamentari. Barra minn hekk, dawn il-pjanijiet ta' azzjoni jistabbilixxu azzjonijiet oħra li diġà jistgħu jiġu implementati mid-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Finanzi" tal-Parlament, qabel kwalunkwe modifika tal-kuntest leġiżlattiv. Il-Parlament ikkunsidra li l-amministrazzjoni tiegħu kellha tingħata żmien raġonevoli għall-kunsiderazzjoni u l-implementazzjoni immedjata ta' dawn il-proposti, kif meħtieġ mill-Artikolu 86 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 1605/25[1605/2002], tal-25 ta' Gunju 2002, rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 74, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju"). Skont il-Parlament, li jingħata aċċess għar-Rapport Nru 06/02 f'dan l-istadju, anki parzjalment, seta' jikkompromett l-użu effettiv tiegħu u, bl-istess mod, l-għan tal-attività ta' verifika fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001(l-ewwel subparagrafu tal-paġna 3 tad-deċiżjoni kkontestata).

10 Barra minn hekk, il-Parlament isostni li l-pjanijiet ta' azzjoni tar-Rapport Nru 06/02 jikkontjenu proposti li jeħtieġu l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet politiċi kompetenti, jiġifieri mhux biss l-uffiċċju tal-Parlament u l-konferenza tal-presidenti tal-Parlament, iżda wkoll il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri. Il-Parlament indika li, fis-seduta plenarja tat-22 ta' April 2008, huwa, fl-ewwel lok, inkoraġġixxa l-grupp ta' ħidma tal-Uffiċċju tal-Parlament fuq l-Istatut tal-membri sabiex jippreżenta l-konklużjonijiet tiegħu fir-rigward ta' azzjoni rapida u xierqa fuq ir-rimarki kontenuti fir-Rapport Nru 06/02, fit-tieni lok, sejjaħ għall-bidu immedjat tan-negozjati mal-Istati Membri u l-Gvern Belġjan, fit-tielet lok, ta mandat lis-segretarju ġenerali tiegħu sabiex jagħmel kuntatt mal-Kummissjoni u l-Kunsill, sabiex tiġi żgurata l-possibbiltà ta' leġiżlazzjoni ġdida dwar l-assistenza parlamentari permezz ta' modifika tar-reġim tal-aġenti kuntrattwali u, fl-aħħar lok, għadda r-responsabbiltà tal-grupp ta' ħidma fuq l-istatut tal-membri tal-Parlament, l-assistenti parlamentari u l-fondi tal-pensjoni li jevalwaw, b'urġenza, il-funzjonament tar-regoli fis-seħħ u, fir-rigward tal-importanza

tal-kwistjoni, li jressaq propositi tal-bidla ta' dawn ir-regoli li dan il-grupp ta' ħidma jikkunsidra neċessarji (it-tielet subparagrafu tal-paġna 3 tad-deċiżjoni kkontestata).

11 Il-Parlament żied li, filwaqt li l-Uffiċċju tal-Parlament kien adotta, fid-9 ta' Lulju 2008, il-miżuri ta' applikazzjoni li jirrigwardaw l-istatut tal-membri tal-Parlament, il-proċess deċiżjonali, sensittiv u kumpless, kien għadu għaddej, li fil-kuntest tiegħu, ir-Rapport Nru 06/02 jikkostitwixxi dokument importanti ta' referenza. Il-Parlament sostna li l-użu li l-membri tiegħu jagħmlu mill-indennizz mogħti lilhom huwa suġġett sensittiv segwit b'interess kbir mill-mezzi tal-komunikazzjoni u li xi elementi tar-Rapport Nru 06/02 setgħu jintużaw sabiex jiżvijaw id-dibattitu fuq ir-riforma tas-sistema u jikkompromettu riforma rapida. Konsegwentement, skont il-Parlament, l-għoti ta' aċċess għar-Rapport Nru 06/02 iwassal, f'dan l-istadju, għal preġudizzju gravi għall-proċess deċiżjonali tiegħu, iżda wkoll "lil hinn", peress li r-riforma inkwistjoni ma setgħetx isseħħ minnu waħdu (l-aħħar subparagrafu tal-paġna 3, u l-parti ta' fuq tal-paġna 4 tad-deċiżjoni kkontestata).

12 Bħala konklużjoni, il-Parlament, billi tikkunsidra li t-talba tar-rikorrent tad-19 ta' Lulju 2008 ma tikkontjeni l-ebda argument ta' tip li jiġġustifika l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 u li tali għoti ta' aċċess, anki parzjali, jikkompromett, minn naħa, l-għan ta' verifika fis-sens tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 u, min-naħa l-oħra, il-proċess deċiżjonali tal-Parlament fis-sens tal-Artikolu 4(3) tal-imsemmi regolament, iddeċieda li jiċħad it-talba għall-aċċess tar-rikorrent għall-imsemmi rapport (it-tieni u t-tielet subparagrafi tal-paġna 4 tad-deċiżjoni kkontestata).

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

13 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-23 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent ressaq dan ir-rikors.

14 B'atti ppreżentati fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali rispettivament fit-13, 17 u 30 ta' Marzu 2009, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tad-Danimarka talbu sabiex jintervjenu fil-proċeduri preżenti insostenn tat-talbiet tar-rikorrent.

15 B'digriet tal-25 ta' Ġunju 2009, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' dawn it-talbiet ta' intervent.

16 Billi l-kompożizzjoni tal-awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tieni Awla, lilha, għaldaqstant, ġiet assenjata din il-kawża.

17 B'atti rreġistrati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali rispettivament fis-26 ta' Awwissu, fid-9 u fil-11 ta' Settembru 2009, ir-Renju tal-Isvezja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tad-Danimarka ddepożitaw in-noti ta' intervent tagħhom.

18 Il-Parlament u r-rikorrent ressqu osservazzjonijiet fuq dawn in-noti ta' intervent, rispettivament fis-16 u fit-18 ta' Novembru 2009.

19 Fuq rapport tal-imħallef relatur, il-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

20 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u r-risposti tagħhom għad-domandi tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tas-7 ta' Diċembru 2010.

21 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata; sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02;

— tordna lill-Parlament tagħtih aċċess għar-Rapport Nru 06/02;

— tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

22 Fir-replika, ir-rikorrent jirrevoka t-talba tiegħu sabiex il-Qorti Ġenerali tordna lill-Parlament tagħtih aċċess għar-Rapport Nru 06/02.

23 Il-Parlament, hekk kif jirriżulta minn din il-modifika għat-talbiet tar-rikorrent, jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad bħala infondata t-talba għall-annulament tad-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż;

— tordna li l-intervenjenti jbatu l-ispejjeż tagħhom.

24 Ir-Renju tad-Danimarka, Ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja jsostnu, essenzjalment, it-talbiet ta' annulament tar-rikorrent.

Id-dritt

25 Ir-rikors preżenti, barra li jikkontjeni tliet motivi bbażati, formalment, fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, ta' ksur tal-obbligu tal-motivazzjoni u ta' ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, jesponi, essenzjalment, żbalji ta' dritt li jikkonsistu fil-ksur mill-Parlament, minn naħa, tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 4(3) tal-istess regolament. Huwa skont din id-distinzjoni li għandhom, wara ċerti kunsiderazzjonijiet preliminari, jiġu eżaminati l-mezzi differenti u argumenti tar-rikorrent.

Il-kunsiderazzjonijiet preliminari

26 Ir-Regolament Nru 1049/2001 jipprovdi, hekk kif jindika l-Artikolu 1 u l-Artikolu 2(1) u (3) tiegħu, li jagħtu lill-pubbliku d-dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet fl-oqsma kollha ta' attività tal-Unjoni, suġġett għal ċerti eċċezzjonijiet li huwa jiddefinixxi.

27 Skont l-ewwel premessa tar-regolament, dan jistipula r-rieda espressa fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1 UE, introdott bit-Trattat ta' Amsterdam, li jiġi mħaddan stadju ġdid fil-proċess ta' ħolqien ta' għaqda dejjem eqreb fost il-popli tal-Ewropa,

fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu bl-iktar mod miftuħ, u eqreb lejn iċ-ċittadin, possibbli. Kif tfakkar it-tieni premessa tal-imsemmi regolament, id-dritt ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet huwa marbut man-natura demokratika ta' dawn tal-aħħar.

28 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-eċċezzjonijiet tal-aċċess għad-dokumenti għandhom jiġu interpretati u applikati b'mod strett, sabiex ma tiġix ippreġudikata l-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali li tikkonsisti fil-fatt li l-pubbliku jingħata l-iktar aċċess possibbli għad-dokumenti fil-pussess tal-istituzzjonijiet (sentenzi tal-Qorti tat-18 ta' Diċembru 2007, L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, C-64/05 P, Ġabra p. I-11389, punt 66, u tal-1 ta' Lulju 2008, L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill, C-39/05 P u C-52/05 P, Ġabra p. I-4723, punt 36 ; sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, punt 84). Min-naħa l-oħra, il-prinċipju tal-proporzjonalità meħtieġa li l-eċċezzjonijiet ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imħaddan (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Diċembri 2001, Il-Kunsill vs Hautala, C-353/99 P, Ġabra p. I-9565, punt 28).

29 Barra minn hekk, l-eżami mitlub għall-ipproċessar ta' talba għal aċċess għad-dokumenti għandu jkun konkret. Fil-fatt, min-naħa, is-sempliċi ċirkustanza li dokument jikkonċerna interess protett minn eċċezzjoni ma huwiex biżżejjed sabiex jiġġustifika l-applikazzjoni ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza Denkavit Nederland vs Il-Kummissjoni, T-20/99, Ġabra p. I-3011, punt 45). Bħala prinċipju, tali applikazzjoni tista' tkun ġustifikata biss fil-każ fejn l-istituzzjoni tkun evalwat minn qabel, l-ewwel nett, jekk l-aċċess għad-dokument b'mod konkret u effettivament kienx jippreġudika l-interess protett u, it-tieni nett, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 4(2) u (3) tar-Regolament Nru 1049/2001, jekk kienx jeżisti interess pubbliku ikbar li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument ikkonċernat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Jannar 2010, Co-Frutta vs Il-Kummissjoni, T-355/04 u T-446/04, Ġabra p. II-1, punt 123). Min-naħa l-oħra, ir-riskju ta' preġudizzju għall-interess protett għandu jkun raġonevolment previdibbli u mhux purament ipotetiku (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Frar 2002, Kuijer vs Il-Kunsill, T-211/00, Ġabra p. II-485, punt 56). Dan l-eżami għandu

jirriżulta mill-motivi tad-deċiżjoni (sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' April 2005, Verein für Konsumenteninformation vs Il-Kummissjoni, T-2/03, Ġabra p. II-1121, punt 69, u Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, punt 115).

30 Eżami konkret u individwali ta' kull dokument huwa wkoll neċessarju meta, anki fis-sitwazzjoni fejn huwa ċar li talba għal aċċess tirrigwarda dokumenti koperti minn eċċezzjoni, huwa biss tali eżami li jista' jippermetti lill-istituzzjoni li tevalwa l-possibbiltà li jingħata aċċess parzjali lill-applikant, skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament Nru 1049/2001 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Ottubru 2000, JT's Corporation vs Il-Kummissjoni, T-123/99, Ġabra p. II-3269, punt 46, u Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, punt 117).

31 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li għandu jiġi eżaminat ir-rikors preżenti.

Fuq il-ksur tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001

L-argumenti tal-partijiet

32 Ir-rikorrent, sostnut mill-intervenjenti, isostni li l-Parlament kien żbaljat meta bbaża ruħu, fil-każ preżenti, fuq l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess previst fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jipprovdi għall-protezzjoni tal-għanijiet ta' verifika.

33 Peress li l-verifika tlestiet fid-9 ta' Jannar 2008, ma kienx hemm raġuni iktar li tiġi rrifjutata, f'Awwissu 2008, li tiġi żvelata, li bl-ebda mod ma seta' jaffetwa t-tlestija tagħha. Fir-rigward tal-allegazzjoni li tali żvelar seta' jikkompromett l-"għanijiet ta' verifika" peress li seta' jiċħad lil amministrazzjoni minn terminu raġonevoli sabiex teżamina u timplementa l-miżuri rrakomandati fir-Rapport Nru 06/02, ir-rikorrent isostni li s-sitwazzjoni, fil-każ preżenti, hija differenti minn dik inkwistjoni fis-sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*. Fil-fatt, fil-każ preżenti, id-deċiżjoni kkontestata bl-ebda mod ma indikat terminu li minnu r-Rapport Nru 06/02 seta' jiġi żvelat. Din id-deċiżjoni kienet indikat li r-riforma prevista kienet ta' natura regolatorja u leġiżlattiva u din ma kienet irreferiet għal ebda investigazzjoni oħra jew spezzjoni li l-andament tagħha seta' jiġi affettwat mill-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02. Sussegwentement, il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-eċċezzjoni tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 fuq il-bażi li l-għanijiet ta' verifika, ma kinux ġew sodisfatti.

34 Għal dak li jirrigwarda l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, ir-rikorrent isostni li din id-deċiżjoni ma tweġibx għad-domanda dwar kif l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 seta' jippreġudika konkretement u effettivament l-interess protett mit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. Barra min hekk, din id-deċiżjoni ma teżaminax jekk jeżistix interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 minkejja l-allegat preġudizzju għall-għanijiet ta' verifika. L-imsemmija deċiżjoni, billi tonqos milli tinkludi tali eżami, tikser ukoll il-prinċipju tal-proporzjonalità.

35 Madankollu, skont ir-rikorrent, jammonta b'mod ċar għal interess pubbliku superjuri, l-interess pubbliku li jagħmilha possibbli għalih li jsir jaf b'rapport ta' verifika li jippermettilu li jkun infurmat bil-mod kif intużaw parti importanti tal-fondi pubbliċi mogħtija lill-Parlament għall-funzjonament tiegħu.

36 Il-Parlament isostni li s-sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, tirrikonoxxi l-leġittimità ta' terminu raġonevoli mogħti lill-amministrazzjoni sabiex tiddeċiedi l-miżuri li għandhom jittieħdu fuq il-bażi tal-informazzjoni kontenuta

f'rapport. Issa, fil-każ preżenti, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament bilkemm kellu seba' xhur sabiex jiddeċiedi dwar dawn il-miżuri, li ċertament huwa raġonevoli, fir-rigward tat-termini itwal irrikonoxxuti bħala raġonevoli mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*.

37 Il-Parlament isostni li l-karattru raġonevoli tat-terminu għandu jiġi evalwat fid-data tad-deċiżjoni kkontestata u li ma huwiex legalment marbut jindika f'din id-deċiżjoni f'liema mument fil-futur, dan it-terminu ser jiskadi. Ikun żbaljat li jiġi kkritikat li naqas milli jipprovdi din l-informazzjoni.

38 Fir-rigward tal-allegazzjoni li skont din id-deċiżjoni kkontestata ma tidentifika l-ebda investigazzjoni jew spezzjoni oħra li għada fis-seħħ, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi interpretata fis-sens li r-referenza tagħha għar-Rapport Nru 06/02 bħala li tikkontjeni pjanijiet ta' azzjoni "jiddeskrivu miżuri oħra diġà suxxettibbli li jiġu kkunsidrati mid-DĠ Finanzi qabel kull modifika tal-kuntest leġiżlattiv" evidentement jindikaw, fil-kuntest ta' din id-deċiżjoni, mhux biss riformi leġiżlattivi, iżda wkoll spezzjonijiet u investigazzjonijiet. Min-naħa l-oħra, f'Awwissu 2008, investigazzjonijiet amministrattivi fuq l-użu minn ċerti membri parlamentari tas-somom imħallsa bħala indennizz għall-assistenza Parlamentari kienu għadhom għaddejin u l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 seta' jippreġudikahom. Dan kien magħruf sew mill-pubbliku u r-rikorrent kien jaf dwar dan.

39 Il-Parlament jikkontesta li d-deċiżjoni kkontestata kienet insuffiċjentement motivata, kemm fir-rigward tal-eżistenza ta' riskju ta' preġudizzju tal-protezzjoni tal-għanijiet ta' verifika kif ukoll fir-rigward tan-nuqqas ta' interess pubbliku iktar importanti għall-għoti ta' informazzjoni.

40 Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-ksur allegat tal-prinċipju tal-proporzjonalità, il-Parlament isostni li, minbarra l-fatt li dan l-argument huwa biss, essenzjalment, repetizzjoni tal-argumenti l-oħra tar-rikorrent, id-domanda inkwistjoni fil-każ preżenti ma għandha xejn x'taqsam mat-test tal-proporzjonalità, iżda mal-ibbilanċjar tal-interess tal-pubbliku mal-protezzjoni ta' dokument mal-interess tal-pubbliku għall-iżvelar tiegħu.

41 Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-argument ibbażat fuq li t-trasparenza tista' tammonta għal interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar ta' dokument li huwa kopert mill-eċċezzjoni għall-Artikolu 4(2) jew (3) tar-Regolament Nru 1049/2001, din l-allegazzjoni tinjora l-loġika tal-imsemmi regolament.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

42 It-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 jawtorizza r-rifjut ta' aċċess għal dokument fil-każ fejn l-għoti tiegħu jwassal għal preġudizzju għall-protezzjoni tal-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, sakemm interess pubbliku superjuri ma jiġġustifikax dan l-għoti ta' aċċess.

43 Il-Qorti Ġenerali, fil-kawża li wasslet għas-sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra* (punt 109), ikkunsidrat li t-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-dispożizzjoni, li għandha l-għan li tipproteġi l-għanijiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, huwa applikabbli biss jekk l-iżvelar tad-dokumenti inkwistjoni jpoġġi fir-riskju li jipperikola t-twettiq ta' dawn l-attivitajiet.

44 Ċertament, l-atti differenti ta' investigazzjoni jew spezzjoni jistgħu jibqgħu koperti mill-eċċezzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, sakemm l-attivitajiet ta' investigazzjoni jew spezzjoni jkollhom segwitu, u anki jekk l-investigazzjoni jew l-ispezzjoni partikolari li jkunu taw lok għal rapport li għalih ġie mitlub aċċess, intemmu (sentenza Franchet u Byk Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, punt 110).

45 Madankollu, li jingħad li d-dokumenti differenti relatati mal-attivitajiet ta' spezzjoni, investigazzjoni jew verifika huma koperti mill-eċċezzjoni bbażata fuq it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, tant illi s-segwitu li jingħata lil dawn il-proċeduri ma jkunux ġew deċiżi, jwassal biex jissuġġetta l-aċċess għal dawn id-dokumenti għall-avveniment każwali, futur u eventwalment iktar 'il bogħod, skont il-ħeffa u d-diliġenza tal-awtoritajiet differenti. Tali sitwazzjoni tmur kontra l-għan ta' garanzija ta' aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti relattivi għal irregolaritajiet eventwali mwettqa fit-tmexxija ta' interessi finanzjarji, bil-għan li tingħata liċ-ċittadini l-possibbiltà li jikkontrollaw b'mod iktar effettiv il-legalità tal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika (sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, punti 111 u 112).

46 Għandu għalhekk jiġi vverifikat jekk, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet inkwistjoni f'din il-kawża, kinux għadhom pendenti l-attivitajiet ta' spezzjoni u investigazzjoni, li setgħu jiġu pperikolati minħabba l-iżvelar tad-dokumenti mitluba, u jekk dawn l-attivitajiet ġewx imwettqa fi żmien raġjonevoli (sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, punti 113).

47 Minn dak li ssemma iktar 'il fuq jirriżulta li l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess ipprovduta fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 tista' tiġi ddikjarata applikabbli għal rapport ta' verifika li l-iżvelar tiegħu jipperikola attivitajiet ta' spezzjoni jew ta' investigazzjoni li jseħħu, f'terminu raġonevoli, fuq il-bażi tal-kontenut tiegħu.

48 Fil-każ preżenti, fl-ewwel subparagrafu tal-paġna 3 tad-Deċiżjoni kkontestata, irrifjut ta' aċċess għar-Rapport Nru 06/02 opponut mill-Parlament skont it-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 huwa bbażat, b'referenza għas-sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, fuq il-kunsiderazzjoni li "l-amministrazzjoni [tal-Parlament] kellha tingħata terminu raġonevoli għall-kunsiderazzjoni u l-implementazzjoni immedjata tal-proposti [kontenuti f'dan ir-Rapport Nru 06/02], hekk kif meħtieġ mill-Artikolu 86 tar-Regolament Finanzjarju".

49 Skont l-istess subparagrafu tad-deċiżjoni kkontestata, "tagħti l-aċċess għar-[Rapport Nru 06/02] f'dan l-istadju, anki parzjalment, tista' tikkompromметti l-użu effettiv ta' dan ir-rapport u, b"hekk, 'l-għan tal-verifika". Fl-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-paġna 4 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament ikkonkluda, din id-darba f'termini pożittivi, li l-għoti tal-aċċess, anki parzjali, f'dan l-istadju, "jikkompromметti l-użu effettiva [tal-] kontenut [tar-Rapport Nru 06/02]", jew inkella "jippreġudika l-għan tal-verifika".

50 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-Parlament isostni, fuq il-bażi tas-sentenza Franchet u Byk vs Il-Kummissjoni, punt 9 *supra*, li l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 fid-data tad-deċiżjoni kkontestata kien ikun kmieni wisq sabiex jippermetti li jiġi kkompletat, qabel kull riforma tal-qafas regolatorju u/jew leġiżlattiv ta' verifika tal-indennizz għall-assistenza parlamentari, l-azzjonijiet immedjati rakkomandati f'dan ir-rapport.

51 Madankollu, id-deċiżjoni kkontestata ma tagħmel l-ebda referenza għal proċedura konkreta ta' spezzjoni jew ta' investigazzjoni jew ta' verifiki amministrattivi oħra li jkunu pendenti fiż-żmien ta' dik id-deċiżjoni u li tammonta għall-implementazzjoni tal-azzjonijiet immedjati rakkomandati fir-Rapport Nru 06/02.

52 Id-deċiżjoni kkontestata b'hekk tillimita ruħha, min-naħa tagħha li titratta ċ-ċaħda tat-talba għall-aċċess għar-Rapport Nru 06/02, li tagħmel referenza, b'mod astratt, għan-neċessità li tagħti lill-amministrazzjoni terminu raġonevoli għall-implementazzjoni immedjata tal-proposti kontenuti f'dan ir-rapport u li ssemmi inizzjattivi diversi li saru bil-għan tar-riforma regolatorja u/jew leġiżlattiva tal-qafas regolatorju tal-assistenza parlamentari.

53 F'dan ir-rigward, ir-referenza għal dawn l-inizzjattivi diversi li saru bil-għan tar-riforma tal-assistenza parlamentari ma tikkonċernax tant l-eċċezzjoni prevista fit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, dwar il-protezzjoni tal-għan tal-attivitajiet ta' spezzjoni, ta' investigazzjoni u ta' verifika, kemm l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4(3) ta' dan l-istess regolament, dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni. Huwa min-naħa l-oħra f'dak is-sens li, fil-parti ta' fuq tal-paġna 4 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament jsostni li "l-iżvelar tar-rapport [Nru° 06/02] jikkawża, f'dak l-istadju, preġudizzju gravi għall-proċess deċiżjonali tal-Parlament Ewropew".

54 L-unika referenza, fid-deċiżjoni kkontestata, għal każ ta' investigazzjoni konkreta tidher fil-parti ta' din id-deċiżjoni li tiċħad it-talba għal aċċess għal ċerti partijiet oskurati ta' rapporti oħra ta' verifika barra mir-Rapport Nru 06/02, peress li aċċess għal dawn il-partijiet iwasslu għall-iżvelar ta' każ individwali tal-frodi allegata u fil-proċess li tiġi eżaminata mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF). Bħala risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali li saret fis-seduta, il-Parlament madankollu indika li r-Rapport Nru 06/02 ma kien jinkludi, fir-rigward tiegħu, ebda informazzjoni nominattiva li tippermetti l-identifikazzjoni tal-każ individwali.

55 Fis-seduta, il-Parlament sostna li proċeduri ta' spezzjoni u ta' investigazzjoni u verifiki amministrattivi oħra fuq il-bażi tar-Rapport Nru 06/02 kienu pendenti fid-data tad-deċiżjoni kkontestata. Madankollu, hekk kif ġie indikat fil-punt 51 iktar 'il fuq, l-imsemmija deċiżjoni ma tagħmel l-ebda referenza għall-proċedura ta' dan it-tip. Sussegwentement, din id-deċiżjoni, li ma tirreferix għal dawk l-allegati proċeduri,

tipprovdi inqas ġustifikazzjoni dwar ir-raġuni għaliex id-dewmien tagħhom fit-twettiq kellu, f'Awwissu 2008, ikun ikkunsidrat bħala raġonevoli u lanqas kif, b'mod partikolari, it-tlestija tagħhom kienet tkun ippreġudikata mill-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02.

56 Fis-seduta, il-Parlament invoka wkoll l-argument li l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 kien kuntrarju għan-natura ta' dan id-dokument. Dan huwa dokument intern, imfassal fil-kuntest tar-Regolament Finanzjarju, u mhux dokument li huwa intiż li jkun pubbliku, bħar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri tal-Unjoni Ewropea fuq l-eżekuzzjoni tal-baġit, li huwa ppublikat kull sena f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Skont il-Parlament, l-iżvelar ta' dan it-tip ta' dokument intern jipperikola li jwassal lill-awdituri interni tal-istituzzjonijiet li jillimitaw ruħhom minn jeddhom fir-rimarki tagħhom, b'konsegwenza li jkunu inqas effiċjenti l-verifiki interni għat-titjib tal-funzjonament tal-istituzzjonijiet ikkonċernati.

57 Għandu l-ewwel nett jiġi rrilevat li din il-motivazzjoni ma tidhirx fid-deċiżjoni kkontestata. Ċertament, fil-paġni 2 u 3 tal-imsemmija deċiżjoni, il-Parlament iċċita l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 86(1) tar-Regolament Finanzjarju, li jsemmi biss li l-awditur intern jagħti l-pariri lill-istituzzjoni fil-ġestjoni tar-riskji. Madankollu, ma estraixxiex minn dawk il-kwotazzjonijiet, li waħda minnhom tidher f'parti differenti mid-deċiżjoni kkontestata minn dik ezaminata fit-talba għal aċċess għar-Rapport Nru 06/02, ebda kunsiderazzjoni komparabbli għal dik li huwa ressaq għall-ewwel darba fis-seduta. Madankollu, il-fatt li, fil-każ preżenti, il-Parlament awtorizza l-aċċess, għall-inqas parzjali, għal ħmistax minn sittax-il rapport ta' verifika interna msemmija fit-talba għall-aċċess jindika li ma hijiex tant in-natura tad-dokument intern ta' dawn ir-rapporti ta' verifika li ddeterminat deċiżjoni ta' għoti jew ta' rifjut ta' aċċess mill-Parlament iżda s-suġġett u l-kontenut konkret ta' dawn ir-rapporti.

58 Hekk kif jirriżulta minn dak li ntqal iktar 'il fuq, għandu jiġi kkunsidrat li l-Parlament, fid-deċiżjoni kkontestata, ma stabbilixxiex b'mod suffiċjenti skont il-liġi li l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 jippreġudika l-protezzjoni tal-għanijiet ta' verifika. Konsegwentement, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tiġi eżaminata l-kwistjoni tal-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri għall-iżvelar, għandu jiġi konkluż li d-deċiżjoni

kkontestata, sa fejn din irrifjutat l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 fuq il-bażi tat-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, ma hijiex fondata.

Fuq il-ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001

L-argumenti tal-partijiet

59 Ir-rikorrent, sostnut mill-intervenjenti, isostni li l-Parlament kien żbaljat meta bbaża ruħu, fil-każ preżenti, fuq l-eċċezzjoni għad-dritt ta' aċċess previst fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jirrigwarda l-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni.

60 Fil-fatt, il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażati minn naħa fuq il-fatt li l-użu mill-membri tal-Parlament tal-indennizz għall-assistenza parlamentari jkun suġġett sensittiv iqajjem interess kbir fil-qasam tal-mezzi tal-komunikazzjoni u, min-naħa l-oħra, fuq li l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 jista' jiżvija l-proċess deċiżjonali, jammontaw għal affermazzjonijiet iktar politiċi milli ġuridiċi, ibbażati, minbarra dan, fuq il-preżunzjoni li t-trasparenza u d-dritt tal-pubbliku għall-informazzjoni jipprekludu l-andament tajjeb tal-attività regolatorja u leġiżlattiva. Billi tagħmel dan, id-deċiżjoni kkontestata tpoġġi fid-dubju l-prinċipju fundamentali tat-trasparenza.

61 Ir-rikorrent isostni li l-interess superjuri tal-pubbliku li jkun infurmat bl-ebda mod ma ġie kkunsidrat mill-Parlament fid-deċiżjoni kkontestata. Issa, għandu jiġi kkunsidrat li l-proċess deċiżjonali ta' istituzzjoni demokratika, fl-oqsma leġiżlattivi u regolatorji, ma tistax, bħala prinċipju, tiġi affettwata mill-informazzjoni tal-pubbliku. L-interess

pubbliku superjuri għall-iżvelar ikun iktar importanti mill-preokkupazzjoni li jitneħħa r-riskju, li huwa ipotetiku, li d-dibattitu pubbliku jkun mxekkel minn dan l-iżvelar. Id-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi l-ebda motivazzjoni xierqa ta' natura li tiġġustifika li ssir eċċezzjoni għall-prinċipju tat-trasparenza fil-każ preżenti.

62 Ir-rikorrent isostni li l-importanza partikolari mogħtija fir-Regolament 1049/2001 għat-trasparenza, fir-rigward tad-dokumenti u ta' informazzjoni li taqa' taħt l-attività leġiżlattiva, ma tkunx invokata sabiex tipprova tiġġustifika nuqqas tal-obbligu tat-trasparenza f'oqsma oħra ta' attività tal-Parlament, b'mod partikolari fil-qasam tal-attivitajiet amministrattivi tiegħu. It-trasparenza ma tapplikax biss għall-qasam leġiżlattiv, iżda wkoll għall-funzjoni eżekuttiva tal-istituzzjoni fil-funzjonijiet amministrattivi, mhux leġiżlattivi u interni tagħha.

63 It-tentattiv tal-Parlament li tillimita l-prinċipju tat-trasparenza, bħala interess pubbliku superjuri, għall-proċess leġiżlattiv wara li abbozz ta' dan it-tip ikun sar pubbliku jirrapreżenta viżjoni limitata u ineżatta tal-każ preżenti u tal-prinċipji bażiċi tar-Regolament Nru 1049/2001. Il-Parlament jinnega b'mod żbaljat li r-Rapport Nru 06/02 jistabbilixxi l-prinċipji li fuqhom tista' ssir riforma tal-qafas ġuridiku u jiddisassoċja b'mod artifiċjali l-proċedura leġiżlattiva tad-diskussjonijiet interistituzzjonali li jippreċedu ġeneralment il-preżentazzjoni ta' abbozz leġiżlattiv formali mill-Kummissjoni.

64 Għalkemm ġie kkunsidrat li s-sentenza L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill, punt 28 *supra*, kienet tirrigwarda biss l-interess superjuri għat-trasparenza fil-qasam leġiżlattiv, ir-rikorrent jikkunsidra li l-interess pubbliku superjuri għat-trasparenza jeħtieġ l-istess dritt ta' aċċess fir-rigward tal-oqsma li jirrigwardaw, bħal fil-każ preżenti, il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi.

65 Il-Parlament isostni li, fir-rigward tar-referenza li saret mir-rikorrent fis-sentenza L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill, punt 28 *supra*, ir-Rapport Nru 06/02 jammonta għal rapport ta' verifika interna, stabbilit fil-kuntest tar-Regolament Finanzjarju, u mhux rapport ta' verifika esterna jew avviż ġuridiku. Fid-data tad-deċiżjoni kkontestata, l-ebda proċess leġiżlattiv ma kien fis-seħħ u b'hekk ma jkunx possibbli li fil-każ preżenti jintalab il-benefiċċju tat-trasparenza aktar wiesgħa li tkun iggarantita mill-Artikolu 12(2) tar-Regolament Nru 1049/2001. Is-sentenza L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill, punt 28 *supra*, ikkunsidrata fil-kuntest ta' talba għal aċċess għal avviż ġuridiku formali fil-kuntest leġiżlattiv, ma tistax ikollha l-prinċipji tagħha trasposti fil-każ preżenti, li tikkonċerna rapport ta' verifika interna stabbilita barra minn proċedura leġiżlattiva.

66 Il-Parlament isostni li, jekk id-deċiżjoni kkontestata tikklassifika r-Rapport Nru 06/02 bħala "dokument ta' referenza importanti", dan jirreferi għall-"proċess tad-deċiżjoni delikat u kumpless" fis-seħħ dak iż-żmien, u mhux għal proċedura leġiżlattiva li kienet ineżistenti. B'hekk, ir-rikorrent ma kien identifika l-ebda interess pubbliku superjuri għall-iżvelar. L-uniku interess rikjest mir-rikorrent, li kien jirrigwarda d-dokumenti leġiżlattivi, ma setax japplika għal rapport ta' verifika interna.

67 B'hekk huwa żbaljat li r-rikorrent kien jassumi li r-Rapport Nru 06/02 huwa forma ta' "proposta leġiżlattiva" li għandu jiġi eżaminat skont ir-raġunament tas-sentenza L-Isvezja u Turco vs Il-Kunsill, punt 28 *supra*. L-argumenti kollha li jirrigwardaw il-ħtieġa għaċ-ċittadini li jipparteċipaw f'diskussjoni wiesgħa fuq il-kontenut ta' dan ir-rapport fuq il-bażi tal-imsemmija sentenza b'hekk ikunu bla bażi.

68 Id-deċiżjoni kkontestata ma rreferietx b'mod perentorju u mhux motivata għar-rekwiżit tal-kunfidenzjalità, iżda għal kuntrarju kienet iddeskriviet id-diversi inizzjattivi li seħħew f'dak iż-żmien u l-proċess deċiżjonali delikat u kumpless li kien għadu fis-seħħ fiż-żmien meta ttieħdet dik id-deċiżjoni. Barra minn hekk, it-tentattivi kollha preċedenti ta' riforma fil-qasam inkwistjoni kienu fallew u s-sitwazzjoni fl-2008 kienet iktar inċerta, kemm fuq il-livell tal-prinċipju ta' riforma kif ukoll fuq

il-metodi konkreti tagħha. F'dan il-kuntest, kien raġonevoli li wieħed jemmen li l-proċess tar-riforma kien ifalli mill-ġdid jekk ir-Rapport Nru 06/02 kien żvelat. Dan l-iżvelar kien, fil-fatt, ippermetta l-użu ta' ċerti elementi ta' dan ir-rapport sabiex ixekkel id-dibattitu u jikkomprometti r-rapidità tar-riforma. Dawn ikunu min-naħa l-oħra miżuri tranżitorji u ta' urġenza, bil-għan li jiffaċċjaw ir-riskju ta' falliment tal-proċess tar-riforma, li l-Parlament kien adotta f'Lulju 2008. B'hekk ir-rikorrent isostni b'mod żbaljat li tkun żbaljata l-invokazzjoni mill-Parlament ta' proċess deċiżjonali pendenti sabiex tiċħad it-talba għal aċċess fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

69 L-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 jipprovdi, fl-ewwel subparagrafu tiegħu, li "[l]-aċċess għad-dokument, miktub minn instituzzjoni għall-użu intern jew irċevut minn instituzzjoni, dwar kwistjoni fejn id-deċiżjoni ma ttieħditx mill-istituzzjoni, għandu jiġi rifjutat jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu".

70 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-applikazzjoni ta' din l-eċċezzjoni timplika li jintwera li l-aċċess għad-dokument redatt mill-Istituzzjoni għall-użu intern tagħha seta' jippreġudika konkretament u effettivament il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali tal-istituzzjoni u li dan ir-riskju ta' preġudizzju kien raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku (minbarra l-ġurisprudenza msemmija fil-punti 29 u 30 iktar 'il fuq, ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-18 ta' Diċembru 2008, Muñiz vs Il-Kummissjoni, T-144/05, mhux ippubblikata fil-Ġabra, punt 74).

71 Barra minn hekk, sabiex jaqa' taħt l-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001, il-preġudizzju għall-proċess deċiżjonali jrid ikun gravi. Dan huwa b'mod partikolari l-każ meta l-iżvelar tad-dokumenti msemmija jkollu impatt sostanzjali fuq il-proċess deċiżjonali. Issa, l-evalwazzjoni tal-gravità tiddependi fuq iċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, b'mod partikolari fuq l-effetti negattivi tal-iżvelar imsemmi tad-dokumenti fuq il-proċess deċiżjonali msemmi mill-istituzzjoni (sentenza Muñiz vs Il-Kummissjoni, punt 70 *supra*, punt 75).

72 L-ewwel nett għandu jiġi rrilevat li r-Rapport Nru 06/02, li huwa rapport ta' verifika stabbilit mis-servizz ta' verifika interna tal-Parlament skont l-Artikolu 86 tar-Regolament Finanzjarju, huwa dokument imfassal mill-istituzzjoni għall-użu intern tagħha.

73 Imbagħad, huwa ċar li dan id-dokument li, skont it-termini tad-deċiżjoni kkontestata, "jistabbilixxi l-prinċipji li fuqhom tista' tiġi bbażata reviżjoni tal-qafas legali tal-assistenza parlamentari" u "tikkontjeni proposti li jeħtieġu l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-awtoritajiet politiċi kompetenti" kien jirrigwarda kwistjoni li fuqha l-istituzzjoni ma kinitx għadha ħadet deċiżjoni.

74 F'dan ir-rigward, ma huwiex ikkontestat serjament li d-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-istatut tal-membri tal-Parlament adottat minn dan tal-aħħar qabel id-deċiżjoni kkontestata ma eżawritx id-domanda, iktar wiesgħa, tar-riforma tal-istatut tal-assistenza parlamentari. Il-proċess deċiżjonali tal-Parlament, kemm jekk isseħ minn din l-istituzzjoni waħidha jew flimkien mal-Kunsill, mal-Kummissjoni u l-Istati Membri, b'hekk ma ntemmx b'dawk id-deċiżjonijiet.

75 Konsegwentement, għandu jiġi eżaminat jekk, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament stabbilixxa debitament li l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 jippreġudika b'mod gravi l-proċess deċiżjonali tiegħu u, jekk fl-affermattiv, li ma jeżistix interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar.

76 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament espona li kien għadu pendenti "proċess deċiżjonali sensittiv u kumpless […] li fih ir-[Rapport Nru 06/02] jammonta għal dokument ta' referenza importanti" u li "l-użu li jagħmlu minnu l-membri tal-Parlament tal-allowances imqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom huwa suġġett sensittiv segwit b'interess kbir mill-mezzi tal-komunikazzjoni", fl-aħħar subparagrafu tal-paġna 3 tad-deċiżjoni kkontestata). Il-Parlament kompla billi sostna li "xi elementi tar-Rapport Nru 06/02 setgħu jiġu użati sabiex jiżvijaw id-dibattitu fuq ir-riforma tas-sistema u tiġi kompromessa riforma rapida". Konsegwentement, il-Parlament sostna li, "l-iżvelar tar-[Rapport Nru 06/02] iwassal, f'dan l-istadju, għal preġudizzju gravi għall-proċess deċiżjonali tal-Parlament, iżda wkoll iktar 'il quddiem, peress li din ir-riforma ma tistax isseħħ mill-Parlament waħidha" (ibidem). Fil-kumplament tad-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament irrepeta l-istess affermazzjoni li tirrigwarda l-preġudizzju għall-proċess deċiżjonali tiegħu.

77 Minn din il-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li r-rifjut ta' aċċess huwa, essenzjalment, ibbażat fuq il-preokupazzjoni li xi elementi tar-Rapport Nru 06/02 "setgħu" jintużaw sabiex jiżvijaw id-dibattitu fuq ir-riforma.

78 Id-deċiżjoni kkontestata madankollu ma tinkludi l-ebda element tanġibbli li jippermetti li jiġi konkluż li dan ir-riskju ta' preġudizzju għall-proċess deċiżjonali kien, fid-data tal-adozzjoni tiegħu, raġonevolment prevedibbli u mhux purament ipotetiku.

79 B'mod partikolari, id-deċiżjoni kkontestata ma tagħmel l-ebda referenza għall-eżistenza, fid-data tal-adozzjoni tagħha, ta' preġudizzju jew tentattivi ta' preġudizzju għall-proċess deċiżjonali fis-seħħ, u lanqas għal raġunijiet oġġettivi li jippermettu li jiġi raġonevolment previst li tali preġudizzji jseħħu f'każ ta' żvelar tar-Rapport Nru 06/02.

80 F'dan ir-rigward, iċ-ċirkustanza li l-użu mill-membri tal-Parlament tal-mezzi finanzjarji mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħhom ikun suġġett sensittiv segwit b'interess mill-mezzi tal-komunikazzjoni — li r-rikorrent ma jinnegax, anżi għal kuntrarju — ma jammontax, fih innifsu, għal raġuni oġġettiva suffiċjenti li tiġġustifika l-preokkupazzjoni ta' preġudizzju gravi għall-proċess deċiżjonali, mingħajr ma jitpoġġa fid-dubju l-prinċipju stess tat-trasparenza kif mixtieq mit-Trattat KE.

81 Bl-istess mod, il-komplessità allegata tal-proċess deċiżjonali ma tammontax, fiha nnifisha, għal raġuni partikolari sabiex ikun hemm preokkupazzjoni li l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 jikkawża preġudizzju gravi għal dan il-proċess.

82 Fir-rigward tal-fatt imressaq mill-Parlament li diversi tentattivi ta' riforma tal-assistenza parlamentari kienu fallew fil-passat, għandu jingħad li dan ma jirriżultax fid-deċiżjoni kkontestata. Dan ġie mressaq biss tard fil-proċeduri, quddiem il-Qorti Ġenerali, u mingħajr ebda indikazzjoni li dawk il-fallimenti kienu ġew ikkawżati minn preġudizzji fil-proċess deċiżjonali li jirriżulta minn żvelar ta' informazzjoni sensittiva.

83 Fi kwalunkwe każ u anki jekk il-Parlament kien stabbilixxa li l-iżvelar tar-Rapport Nru 06/02 jikkawża preġudizzju gravi għall-proċess deċiżjonali tiegħu, għandu jingħad li d-deċiżjoni kkontestata ma tinkludi l-ebda motivazzjoni fir-rigward tal-kwistjoni jekk interess pubbliku superjuri ma kinitx teħtieġ, minkejja kollox, l-iżvelar tal-imsemmi rapport.

84 Fil-fatt, l-affermazzjoni kontenuta fid-deċiżjoni kkontestata, li skont din "id-domanda ta' konferma ma tikkontjeni ebda argument li jista' jiġġustifika l-iżvelar", ma jkunx ikkunsidrat bħala li jammonta għal motivazzjoni bħal din. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1049/2001, l-applikant għal aċċess għal dokumenti ma huwiex obbligat jiġġustifika t-talba tiegħu.

85 Hekk kif jirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, li minnhom jirriżulta li, fid-deċiżjoni kkontestata, il-Parlament ma stabbilixxiex li l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 jippreġudika b'mod gravi l-proċess deċiżjonali tiegħu u, fi kwalunkwe każ ma mmotivax ir-rifjut tiegħu għal aċċess fir-rigward tar-rekwiżit tan-nuqqas ta' interess pubbliku superjuri, għandu jiġi konkluż li d-deċiżjoni kkontestata ma hijiex fondata sa fejn hija tirrifjuta li tagħti aċċess għar-Rapport Nru 06/02 fuq il-bażi tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

86 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jintlaqa' r-rikors preżenti u tiġi annullata d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tirrifjuta lir-rikorrent l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02.

Fuq l-ispejjeż

87 Skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu intalbu. Barra minn hekk, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 87(4) tal-imsemmija regoli, l-Istati Membri li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

88 Peress li l-Parlament tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż tar-rikorrent, kif mitluba minn dan tal-aħħar. Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew, tal-11 ta' Awwissu 2008, Referenża A (2008) 10636, hija annullata sa fejn din tirrifjuta l-aċċess għar-Rapport Nru 06/02 tas-servizz ta' verifika interna tal-Parlament, tad-9 ta' Jannar 2008, intitolat "Verifika tal-kumpens għall-assistenza Parlamentarja".**

2) **Il-Parlament ibati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll l-ispejjeż ta' Ciarán Toland.**

3) **Ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Isvezja jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Forwood Dehousse Schwarcz

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fis-7 ta' Ġunju 2011.

Firem